MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 825/2000/1

**Maltacom p.l.c. u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2007 l-isem tas-socjeta' attrici nbidel u gie jaqra "Go p.l.c."**

**vs**

**Carmelo Schembri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur taghha fl-ammont ta' elfejn, u tlieta u tmenin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2083.25) rappresentanti ammont dovut wara hsarat

ikkagonati mill-konvenut lil propieta' konsistenti f'cables tas-societa attrici fi Triq il-Pitkali, Attard fid-9 ta' Lulju 1998.

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-societa' attrici qieghda tippresenta ma din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. C);

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas dan l-ammont, anki permezz ta' ittra ufficjali, il-konvenut baqgha inadempjenti u ma hallas xejn.

Ghalhekk is-socjeta' attrici tablet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi: -

tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

tikundanna lill-konvenut ihallas lis-societa attrici s-somma ta' elfejn, u tlieta u tmenin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2083.25) rappresentanti ammont dovut wara hsarat ikkagonati mill-konvenut lil proprieta tas-societa attrici fi Triq il-Pitkali, Attard fid-9 ta' Lulju 1998;

Bl-ispejjez inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 1999.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

1. illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dana stante illi l-esponenti mhuwiex il-legittimu kuntradittur f'dina l-kawza u dana stante illi huwa qatt ma wettaq xogholijiet fi Triq il-Pitkali Attard fid-9 ta' Lulju 1998, u ghaldaqstant huwa qatt ma jista' jinstab responsabbli ghad-danni kif indikati fic-citazzjoni tal-atturi.

2. illi x-xogholijiet imsemmija fic-citazzjoni tas-socjeta' attrici effettivament kienu saru mis-socjeta' Schembri Barbros Ltd u dana kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat 'Dok. A.'

3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost lanqas is-socjeta' Schembri Barbros Ltd hija responsabbli ghad-danni allegatament kkagunati fil-cables proprjeta' tas-socjeta' attrici, u dana stante illi qabel ma bdiet ix-xogholijiet in kwistjoni hija kienet hadet il-prekawzjonijiet necessarji kollha sabiex b'hekk ma ssirx hsara fil-cables tas-socjeta' attrici, billi imxiet fuq l-indikazzjonijiet li nghatat minn rappresentanti tas-socjeta' attrici stess.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici u dawk prodotti mill-konvenut.

Semghet lill-konvenut.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' elfejn, u tlieta u tmenin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2083.25) rappresentanti l-valur ta' hsarat li allegatament gew kagunati fid-9 ta' Lulju 1998 mill-konvenut fil-"cables" proprjeta' tal-istess socjeta' attrici li jinsabu go Triq il-Pitkali, H'Attard. Konsegwentement is-socjeta' attrici qed titolb li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmi ammont.

Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa mhuwiex il-legittimu kuntradittur stante li huwa personalment qatt ma

esegwixxa xogholijiet fl-imsemmija Triq gewwa Attard. Il-konvenut inoltre qed isostni li semmai dawn ix-xogholijiet saru mis-socjeta' Schembri Barbros Limited, li effettivament esegwiet l-istess xogholijiet wara li hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji u imxiet fuq l-indikazzjonijiet li nghatat minn rappresentanti tas-socjeta' attrici.

In effett jirrizulta li fil-jum in kwestjoni waqt li kien qed isir xi xoghol fl-imsemmija triq kienu ntlaqtu xi "cables" tas-socjeta' attrici (vide document FP1). Jirrizulta ukoll li ufficjali tas-socjeta' attrici kienu indikaw fejn kienu qeghdin il-"cables" tas-socjeta' attrici fl-istess triq.

Inoltre jirrizulta li l-applikazzjoni sabiex isiru dawn ix-xogholijiet saret mill-konvenut ghan-nom ta "Schembri Bros." F'din l-applikazzjoni m'ghandux jitqies li l-kliem "Schembri Bros" huma semplicement indikazzjoni ta' l-indirizz tal-applikant izda ghandhom jitqiesu li huma indikattivi li l-applikazzjoni kienet qed issir ghan-nom ta' xi persuna ohra jew ghan-nom ta' xi socjeta'. Li hu zgur hu li l-kuntratt ghax-xoghlijiet in kwestjoni kien inghata mir-"Roads Department" lis-socjeta' "Schembri Barbros Limited" u dan kif jirrizulta mid-dokument SS1 – fol.43. Il-kuntratt ma nghatax lill-konvenut personalment. Di fatti jirrizulta ukoll li ghall-istess xogholijiet kienet thallset l-imsemmija socjeta' - Dokument SS2 - fol. 44. Dan kollu gie ukoll konfermat minn Principal Officer fid-Dipartiment tal-Kuntratti. (fol.49). Xehedu l-konvenmut u huh Saviour Schembri li kkonfermaw li huma diretturi u azzjonisti tal-istess soicjeta'. Huma kkonfermaw li x-xogholijiet in kwestjoni saru mill-imsemmija socjeta', li appuntu taghmel ukoll xoghol ta' kostruzzjoni ta' toroq.

Minn dan kollu jirrizulta sufficjentement pruvat li x-xogholijiet in kwestjoni saru mis-socjeta "Schembri Barbros Limited" u mhux mill-konvenut personalment. Konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut timmerita li tigi akkolta. B'hekk il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Konsegwentement ukoll m'hemmx ghalfejn li jigu esaminati ulterjorment l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi akkolta u kwindi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li l-istess konvenut mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-presenti il-proceduri u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kolha tas-socjeta attrici.

Spejjez kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------